# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ



© Les Films de Pierre

## 120 BATTEMENTS PAR MINUTE (BPM – BEATS PER MINUTE)

Film ta' Robin Campillo
Franza

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

Ewropa Kreattiva MEDIA

Parlament Ewropew

# 120 BATTEMENTS PAR MINUTE (BPM – BEATS PER MINUTE)








## FILM TA' ROBIN CAMPILLO

Fil-bidu tas-snin 90 fi Franza, fl-eqqel tal-epidemija tal-AIDS, il-grupp militanti Act Up intervjena fil-ħajja pubblika b'diversi modi. Il-grupp ħadem biex l-awtoritajiet politiċi jorganizzaw miżuri ta' prevenzjoni aħjar, aċċess faċilitat għall-mediċini li kien għadhom taħt prova, u biex iċaqlaq l-indifferenza tal-opinjoni pubblika, li kienet għadha temmen li huma biss "l-emarġinati" — l-omosesswali, min jingħata d-demm, il-priġunieri, u d-drogati vvizzjati fuq l-eroina... — li jintlaqtu b'din il-marda.

Robin Campillo joffrilna propju ritratt ta' grupp, imnebbaħ mill-esperjenza tiegħu stess ta' attivista, waqt li jiffoka b'mod aktar partikolari fuq ċerti personaġġi billi jsegwi t-traġitt tagħhom. U l-ħajja tal-grupp hija mmarkata permezz tar-rieda soda tagħhom favur l-azzjoni, id-dubji, il-kunflitti, ix-xewqa li jheżżu u jkissru l-apatija u l-indifferenza ġenerali, l-effervexxenza tal-azzjonijiet spettakolari tagħhom, kif ukoll l-emozzjoni fil-konfront tal-marda li toqtol, inevitabbilment, lilek jew lil ta' madwarek...

### FILM ATTIVISTA?

*120 battements par minute* hu film dwar grupp ta' attivisti, iżda huwa wkoll, b'mod ċar ħafna, film attivista. Il-film ifakkar ġlieda, il-ġlieda ta' Act Up fi Franza, u juri kemm kienet ġusta waqt li jenfasizza, anki jekk b'mod indirett, li għadha attwali. Bħalma jgħid wieħed mill-persunaġġi fil-film, Act Up ma kienx u mhuwiex grupp ta' appoġġ għall-morda, u l-azzjonijiet tal-grupp kellhom l-għan li juri li l-marda ma kinitx biss problema tas-saħħa pubblika iżda kellha dimensjoni politika, ekonomika u soċjali.

Dimensjoni politika fis-sens li l-Istat Franċiż ma kienx konxju tal-urġenza u tas-sitwazzjoni u kien irrifjuta politiki ta' prevenzjoni mmirati lejn il-gruppi f'riskju, iżda wkoll lejn il-popolazzjoni kollha kemm hi, b'mod partikolari iż-żgħażagħ. Dimensjoni ekonomika għax il-gruppi farmaċewtiċi, li l-film jagħtihom it-tort, taw prijorità lill-interessi finanzjarji tagħhom fir-rigward tal-kura tal-morda. Dimensjoni soċjali fis-sens li s-soċjetà kienet xhud indifferenti tal-mewt ta' żgħażagħ li l-uniku tort li kellhom kien li kienu jappartjenu għal gruppi tal-minoranza jew stigmatizzati.

L-attwalità tal-film ċertament tinsab fil-mistoqsijiet li jqanqal dwar it-teħid ta' responsabilità li l-morda nfushom jeħtieġ jieħdu għall-marda, dwar id-dimensjoni politika ta' kull azzjoni tas-saħħa pubblika, dwar il-ġlieda diffiċli biex is-soċjetà ma tibqax indifferenti fil-konfront tal-epidemija u tat-traġedja.

### RIKOSTRUZZJONI

Madankollu, il-film mhuwiex biss film attivista. Huwa rikostruzzjoni li tmur lil hinn mid-dimensjoni ta' dokumentarju u li tippermetti b'mod partikolari lid-direttur ċinematografiku ċaqliq kostanti bejn il-kollettiv u l-individwali, bejn il-pubbliku u l-intimu, bejn l-attiviżmu u l-emozzjoni personali. B'mod viżibbli ħafna fir-rigward tax-xeneġġjatura, il-film jgħaddi minn ritratt tal-grupp għall-evokazzjoni ta' relazzjoni b'ħafna intensità u passjoni bejn żewġ persunaġġi, Sean u Nathan, li wieħed minnhom għandu l-HIV. It-ton tal-film jinbidel progressivament, minn rivendikazzjoni spettakolari għall-emozzjoni fil-konfront tat-tbatija tal-persuna maħbuba li qed tikkonfronta l-marda. L-aħħar parti tal-film, li tqanqal b'mod partikolari, hija ddominata mill-preżenza kostanti tal-mewt.


© Celine Nieszawer


© Celine Nieszawer


© Les Films de Pierre

Diversi drabi d-direzzjoni ċinematografika tippermetti din it-tranżizzjoni, permezz ta' proċessi ta' muntaġġ u ta' xeneġġjatura li matul il-film kollu joħolqu sens ta' diżordni pjuttost qawwi. Waqt li ċ-ċinema b'mod ġenerali tagħti sens ta' preżenza immedjata lill-avvenimenti, iċ-ċinematografu jimmultiplika l-effetti ta' distanzjament fir-rigward tal-immaġni murija, kemm permezz tal-użu tas-soundtrack, u partikolarment il-mużika, jew permezz tal-użu ta' angolu differenti għall-istess avvenimenti, jew saħansitra permezz ta' tnaqqis jew tibdil mhux mistenni fir-ritmu.

## ĊAQLIQ TEMPORALI

Ninnotaw l-użu ta' ħafna flashbacks (jew taqlibiet żgħar tal-kronoloġija) li ġeneralment ma ninnotawhomx mal-ewwel daqqa' t'għajn, tant kemm huma mdaħħlin b'mod naturali. Il-bidu nett tal-film jurina azzjoni li tkun għaddejja, l-attivisti jintervjenu b'mod informali waqt konferenza uffiċjali dwar l-AIDS. Kieku jien nagħmilha: Il-kamera tinsab qalb il-grupp, fil-livell tal-ispallejn, u naraw biss parti żgħira tax-xena, mill-periferija. Ix-xena ta' warajha tagħti ħarsa lejn il-laqgħa ta' valutazzjoni ta' din l-azzjoni u naraw l-ideat differenti tal-attivisti dwar l-azzjoni li għandha tittieħed peress li lill-parteċipant tal-konferenza ksewh bid-demm (falz) u mmanettjawh għal ftit ħin. Il-muntaġġ jippermettilna naraw din ix-xena permezz ta' "shot" wiesgħa mis-sala. Il-proċess ċinematografiku jidher ovvju, iżda l-effett ta' rikostruzzjoni, ta' repetizzjoni, joħloq għall-ispettatur (u għall-attivisti) distanzjament li hawnhekk hu dak tad-dibattitu u tar-riflessjoni.

Iżda dan id-distanzjament mhux neċessarjament intellettwali, u jista', għall-kuntrarju, ikollu impatt emozzjonali. Wara l-azzjoni fil-laboratorji Melton Pharm, insegwu l-grupp f'vagun tal-ferrovija, jirrilassaw wara dak li ġara (l-attivisti nżammu xi sigħat fl-għassa tal-pulizija). Sean, f'dak il-mument, jenfasizza s-sbuħija tas-sema f'inżul ix-xemx u, b'mod tassew melankoniku jgħid: "Jiġu waqtiet li nirrealizza kemm biddlitli ħajti l-AIDS", iżda minnufih jinfaqa' jidħaq, u kulħadd jibda jidħaq. Din id-daħqa, madankollu, ma tneħħix l-emozzjoni ta' dak li kien ġara qabel, li ssarraf b'mod ċar f'emozzjoni intima, waqt li l-ironija hija intiża sempliċement biex tnaqqas it-tensjoni fil-konfront tal-oħrajn.

Huwa propju dan iċ-ċaqliq kostanti bejn l-intimu u l-pubbliku, bejn l-azzjoni u l-emozzjonijiet personali, bejn il-preżent, il-passat u futur tassew inċert, li l-ħidma tal-produzzjoni ċinematografika tippermetti li jintuża b'mod kostanti. Xena sabiħa ħafna torbot b'mod inseparabbli l-preżent tal-azzjoni attivista max-xewqa ta' futur tal-persunaġġ u l-melankolija li wieħed iħoss fil-ħarsa tad-direttur fuq mument li għadda, irrimedjabbilment mitluf: Nathan jieħu sehem fil-Gay Pride ma' Sean, li libes ta' pompom girl, iżda jitfixkel u jaqa' għarkopptejh mal-art, u ħarstu (u l-ħarsa tal-kamera) taqa' fuq flier mal-art li tgħid b'mod impersonali "Nixtieqek tgħix!". Din ix-xena hi miġbuda b'inqas veloċità, u s-soundtrack jieqaf f'salt, u joqtol l-istorbju u l-mużika kollha tal-isfond. Il-kamera tieqaf fuq Sean li qed jiżfen, imbagħad fuq wiċċ Nathan li qed jitbissem. Is-slogan tal-flier tolqot intimament lil Nathan, li jixtieq li s-sieħeb tiegħu jgħix u jissopravvivi, iżda t-tnaqqis fil-veloċità huwa kemm mument wieqaf fiss kif ukoll il-marka tat-tifkira stabbilita fil-memorja tal-persunaġġ (u tad-direttur ċinematografiku). Is-sekwenza kollha hija fluwida ħafna, u toħloq impressjoni mħallta ħafna u fina ħafna, fejn l-ewforja tal-preżent titħallat mal-melankolija enfasizzata tal-mument li għadda.

## RITMU

It-titlu tal-film, *120 battements par minute*, jirreferi b'mod evidenti għal ritmu aċċellerat ta' taħbit tal-qalb. U l-ewwel impressjoni li jħalli dan il-film li fih aktar minn sagħtejn hi dik tal-pass frenetiku tal-azzjonijiet ta' Act Up, li jseħħu b'mod mgħaġġel ħafna, bħall-azzjoni rapida tal-attivisti li jidħlu fl-uffiċċji tal-impriża Melton Pharm u fi ftit sekondi jiksu l-ħitan bid-demm falz li jitfgħu. Din l-impressjoni hija ċertament ġusta, id-direttur juri, permezz ta' arranġament b'ritmu mgħaġġel id-diversi aspetti tal-attivitajiet ta' Act Up, sew jekk huma ġesti attivisti, assemblej u laqgħat ta' informazzjoni, il-ħajja tal-kumitati u l-ispjegazzjonijiet xjentifiċi dwar il-mediċini li jistgħu jaġixxu kontra l-virus, l-interventi fl-ambjent tal-iskola kif ukoll ir-relazzjonijiet personali, il-ħbiberiji, l-istejjer ta' mħabba jew il-kunflitti bejn il-personaġġi. Il-film juża l-istess prinċipju tal-laqgħat murija, fejn dawk preżenti ma jużawx l-applawżi biex juru l-approvazzjoni tagħhom, iżda sempliċiment jikklikkjaw subgħajhom, biex ma jtawlux il-laqgħat: il-film donnu jinsab fi stat ta' emerġenza, bħal dawk li qed jitqabdu kontra l-epidemija.

Iżda din l-impressjoni hija parzjali, u Robin Campillo jaħdem b'mod effikaċi fuq il-bidliet fir-ritmu, u jekk il-film jidher li jivvibra bir-ritmu tal-mużika tal-clubs fejn il-persunaġġi jiżfnu l-lejl kollu, fl-istess xena jdaħħal mużika ħafna iktar melankolika, li hija t-tema mużikali prinċipali.

Bl-istess mod, jekk il-kamera donnha li dejjem tiċċaqlaq biex takkumpanja l-azzjonijiet tal-attivisti, hija tieqaf f'diversi punti: biex tislet waqt mill-vaganzi ta' Sean u Nathan fuq xtajta vojta murija mill-bogħod, jew biex turi fis-skiet il-mijiet ta' dimostranti mixħuta mal-art fit-toroq ta' Pariġi, simbolu tal-qerda li ġabet magħha l-epidemija, jew fl-aħħar nett sabiex turina, litteralment, il-mewt ta' Sean, mewta individwali li tolqot lilna l-ispettaturi, bħal Nathan, fil-laħam il-ħaj, iżda wkoll mewta kollettiva li għaliha azzjoni tal-aħħar ta' Act Up terġa' tagħti s-sens politiku kollu.

Il-qawwa tal-film tinsab bla dubju f'din it-taħlita kontinwa tal-kollettiv u l-individwali, u r-rabta inseparabbli tal-elementi aktar intimi mal-elementi l-aktar politiċi.



© Les Films de Pierre






© Celine Nieszawer




© Celine Nieszawer

**PUNTI TA' RIFLESSJONI**

Apparti l-punti ta' analiżi msemmija hawn fuq, diversi aspetti tal-film *120 battements par minute* jixirqilhom aktar riflessjoni.

- Dan il-film hu bla dubju film ta' tifkira dwar ġlieda li jaf naħsbu li llum intrebħet. Imma x'attwalità teżisti fil-film u fil-ġlieda ta' Act Up, assoċjazzjoni li għadha attiva?
- X'taħseb dwar l-azzjonijiet ta' Act Up? Meħtieġa? Vjolenti? Spettakolari? Inopportuni? Indispensabbli? Tifhem id-diskussjonijiet li qanqlu lill-attivisti u li wieħed jara fil-film?
- Fl-opinjoni tiegħek, il-ġlieda kontra l-AIDS (iżda wkoll fir-rigward ta' mard ieħor) tikkonċerna biss lill-persuni morda jew lill-gruppi milquta minn din il-marda? B'liema mod din il-ġlieda għandha titqies mhux biss bħala waħda kollettiva, iżda wkoll universali?

les grignoux

## IĊ-ĊINEMA EWROPEW GĦALL-EWROPEJ

Wara l-edizzjoni tas-sena li għaddiet, li fakkret l-10 anniversarju tal-inizjattiva, il-PREMJU LUX ikompli jlaqqa' flimkien varjetà kbira ta' ġeneri u toni permezz tal-films ta' reġisti żgħażagħ Ewropej mimlija talent. Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għall-PREMJU LUX 2017:

**120 BATTEMENTS PAR MINUTE** *(BPM – Beats per Minute),* film ta' Robin Campillo, Franza

**SAMEBLOD** *(Sami Blood),* film ta' Amanda Kernell, l-Iżvezja, in-Norveġja, id-Danimarka

**WESTERN**, film ta' Valeska Grisebach, il-Ġermanja, il-Bulgarija, l-Awstrija

Il-films jittrattaw kwistjonijiet attwali, b'mod imqanqal u intelliġenti, u jirriflettu dak li għaddejja minnu l-Ewropa bħalissa. Huma jippreżentaw personaġġi li jiftħu għajnejhom għad-dinja ta' madwarhom sabiex jifhmu r-realtà u s-soċjetajiet u l-komunitajiet li jappartjenu għalihom. Permezz tal-istejjer tagħna u bis-saħħa tal-emozzjoni li jqanqal iċ-ċinema, se jiġu evidenzjati l-kwalità u d-diversità taċ-ċinema Ewropew, kif ukoll l-importanza tiegħu għall-bini tal-valuri soċjali u tal-komunitajiet kulturali. Nistednuk tara l-films matul is-sitt edizzjoni ta' LUX FILM DAYS([1]).

([1]) JIEM TAL-FILMS LUX

## IL-PREMJU LUX

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna.

B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-PREMJU LUX fl-2007. Il-Parlament jixtieq jgħin biex tikber id-distribuzzjoni tal-films Ewropej fl-Ewropa u jħeġġeġ dibattitu Ewropew dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà.

Il-PREMJU LUX hu inizjattiva eċċezzjonali. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u rarament jiġu distribwiti f'pajjiżi oħra, lanqas saħansitra f'dawk tal-UE, il-PREMJU LUX joffri l-opportunità unika li tliet films Ewropej jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rebbieħ tal-PREMJU LUX se jintgħażel b'votazzjoni mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar fil-15 ta' Novembru 2017.

## LUX FILM DAYS

Il-PREMJU LUX ta lok għal-LUX FILM DAYS. Mill-2012, it-tliet films li jkunu qed jikkompetu għall-PREMJU LUX jiġu ppreżentati lill-pubbliku usa' Ewropew waqt il-LUX FILM DAYS.

Il-LUX FILM DAYS huma stedina għal esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Minn Ottubru sa Diċembru, inti tista' tingħaqad ma' dilettanti oħra taċ-ċinema mill-Ewropa kollha u tassisti għal wiri tat-tliet films f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna luxprize.eu jew permezz tal-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-PUBBLIKU

Ir-rakkomandazzjoni tal-pubbliku hija l-premju tal-għażla tat-telespettaturi tal-PREMJU LUX. Tinsiex tivvota għal wieħed mit-tliet films qabel il-31 ta' Jannar 2018! Jaf ikollok l-opportunità tintgħażel biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali Karlovy Vary f'Lulju 2018, fuq stedina tal-Parlament Ewropew, u tħabbar it-titlu tal-film rebbieħ tar-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku.

**ARA,
IDDIBATTI
U VVOTA!**

@luxprize

#luxprize

LUX
PRIZE
.EU

QA-02-17-817-MT-N



**REĠISTA:** Robin Campillo

**XENAĠĠJATURA:** Robin Campillo

**ATTURI:** Nahuel Pérez Biscayart, Arnaud Valois, Adèle Haenel, Antoine Reinartz.

**DIRETTUR TAL-FOTOGRAFIJA:** Jeanne Lapoirie

**PRODUTTURI:** Hugues Charbonneau, Marie-Ange Luciani

**PRODUZZJONI:** Les Films de Pierre, France 3 Cinéma, Page 114, Memento Films Production, FD Production

**SENA:** 2017

**TUL:** 144′

**ĠENERU:** Fiction

**PAJJIŻ:** Franza

**VERŻJONI ORIĠINALI:** Franċiż

**DISTRIBUTUR(I):** Curzon Film World Limited

Manuskritt mitmum f'Awwissu 2017.



© Celine Nieszawer